MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 851/2009

**Martin Schembri**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2009 fejn l-attur talab sabiex il-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn hames mija u hmistax-il ewro (€ 2,515) bhala hlas ta' danni li soffra l-attur meta gratlu hsara u nharqulu household appliances f'daru u cioe fil-fond 47, Awrora , Triq Bronja Zurrieq ikkagunata unikament mill-Enemalta u peress illi naqset thallas id-danni meta nterpellata kellha ssir din il-kawza.

Il-Korporazzjoni Enemalta kkontestat il-kawza.

Xehed l-attur permezz ta' affidavit fejn spjega illi huwa soffra hsara fl-*appliances* u apparat fid-dar tieghu . Dan

gara meta kien hemm qtugh tal-elettriku imbaghad gie kurrent elettriku qawwi hafna u saret hsara f'diversi appliaces u apparat li elenka liema hsara tammonta ghal elfejn hames mija u hmistax il ewro (€ 2,515). Filfatt il-qtugh fl-elettriku gara minhabba li l-Enemalta kellhom *fault* fil-*power station* u filfatt il-Korporazzjoni konvenuta kitbet f'dan is-sens f'dokument li gie pprezentat u mmarkat bhala dok MS3. L-attur qabbad bniedem tekniku li ccertifika li l-affarijiet gralhom hsara irreparabbli minhabba vultagg qawwi ta' elettriku li dahal fihom liema dokument gie pprezentat u mmarkat MS4.

Ix-xhud spjega illi t-television litteralment qabad u beda hiereg in-nar minnu u kieku ma kinux id-dar kienet taqbad id-dar kollha. Spjega illi minhabba l-instabbilta fl-elettriku kellu jinstalla *stabilizer*. Din ma kinitx l-ewwel darba li gratlu izda d-darba l-ohra l-ispejjez kienu inqas ma fittix ghalihom. Il-hsara fl-*appliances* tal-attur giet ikkonfermata bil-gurament mit-*technician* Robert Mifsud li pprezenta affidavit fis-6 t'Otturbu, 2010. F'xhieda ulterjuri l-attur spjega illi l-ilmenti tieghu ghamilhom diversi drabi lill-Korporazzjoni Enemalta izda qatt ma nstabet soluzzjoni ghalih. Imbaghad kienet inharqitlu s-salvavita u l-*main switch* ta' wara l-bieb u l-Enemalta kienet baghtet *foreman* biex iwahhal *recorder* sabiex jirrekordja l-kurrent u l-vultagg ghaddej fid-dar tal-attur. Il-*foreman* Joseph Formosa verbalment kien qal lill-attur personalment illi l-vultagg kien daqsxejn gholi izda meta l-attur mar id-distrett qalulu li r-*readings* kienu normali u stabbli pero ma riedux jghatuh kopja tar-*readings*.

Xehed il-foreman Joseph Formosa li kkonferma li kien hu li mar jaqra r-readings mid-dar tal-attur pero spjega illi hu ma kellux il-kompitu li jivvaluta jekk il-vultagg kienx gholi jew le dak kien kompitu tal-Inginier pero meta qrah hu r-reading deherlu illi kien fuq in-naha tal-gholi. Filfatt l-Inginier iddecieda li jbaxxi ftit il-vultagg u jerga jinqara r-reading. Fit-tieni reading il-vultagg kien verament baxx.

Xehed l-*Assistant Manager* fis-sezzjoni tad-*Distribution* fi hdan il-Korporazzjoni konvenuta li l-professjoni tieghu hija dik ta' Inginier. Xehed illi kien jaf bl-incident u wara li saret

investigazzjoni jaf illi l-*Customer Care* kienet kitbet lill-attur u nfurmatu illi l-Enemalta ma kinitx responsabbli ghal hsara li garrab. Meta investigga x'kien qed jigri fit-triq tal-attur huwa sab illi d-domanda kienet naqset b'erbghin fil-mija u meta jigri hekk jghola l-vultagg. Mill-investigazzjoni sab illi l-vultagg kien jinstab *within the upper limit* u ghalhekk kien baxxieh. Hu spjega kif l-Enemalta ghandha *bandwidth* u l-vultagg kien *within the bandwidth* izda mal-*upper limit*. Meta baxxieh gabu lejn in-nofs tal-*bandwidth*. F'xhieda sussegwenti spjega illi s-*suspension tas-supply* sar minhabba *shedding* da parti tal-power station.

Xehed ukoll John Chircop li huwa Inginier u Assistant Manager gewwa Delimara Postage li qal illi fil-gurnata li kien hemm *suspension tas-supply* kien ittripja il-*generator tal-isteam turbine three* gewwa l-Power Station. Konsegwenza ta' dan naqset l-energija f'daqqa u sabiex wiehed jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas ikum hemm *automatic load shedding* sabiex jinholoq bilanc bejn il-produzzjoi u d-domanda tal-elettriku. Jekk ma jsirx hekk tista' tikkolassa s-sistema kollha. Is-sistema tax-*shedding* issir awtomatikament meta jmur *generator* jew turbina. Qal illi kuljum isir *test* fuq it-turbini u dak inhar tal-incident it-turbina ghaddiet mill-*function test* u hadd ma setgha jippreveni dak li gara.

It-Tribunal hatar lill-Professur Joseph Agius sabiex jaghmel l-accessi mehtiega jaghmel seduti u jirrelata dwar il-kaz. Liema inkarigu gie accettat, konkjuz u mahluf fil-25 ta' Frar, 2013. Ir-relazzjoni titratta l-inkjesta li saret mill-perit tekniku rigward il-hruq u l-hsarat li sehhew f'diversi apparati elettrici domestici, li jappartjenu lill-attur. Skond l-attur, wara li l-ewwel kien hemm qtugh fil-provvista elettrika tal-Korporazzjoni Enemalta, aktar tard, hekk kif il-provvista elettrika bdiet tigi restorata, zviluppa kurrent qawwi hafna, li kagun tieghu sarulu hruq u hsarat f'diversi apparti domestici. Infatti, l-hruq u l-hsarat fl-apparat tal-attur gew ikkawzati minn *voltagg eccessiv* maghruf bhala '*over voltage*' li jigi mahluq kawza ta' '*switching operations*', illi jsiru fuq il-provvista tal-ellettriku tal-Korporazzjoni Enemalta. L-imsemmija '*switching operations*', jinkludu, l-ezercizzju tal-'*load shedding*', kif

ukoll dik tar-‘*restoration of supply*’. Dawn iz-zewg ezercizzji kienu originaw fil-Power Station ta’ Delimara fis-17 ta’ Mejju, 2008.

Skond il-perit tekniku l-okkorrenza ta’ dan l-incident u l-kundizzjonijiet illi tahthom issuccieda, jissuggerixxu nuqqas ta’ manutenzjoni sufficjenti tal-impjant flimkien ma’ nuqqas ta’ ippjanar serju ghar-rigward ta’ ‘*spare generating capacity’* u tal-utilizzar tal-‘*interconnector* bejn iz-zewg Power Stations. Ma jirrizultax li kien hemm ebda difett fl-installazzjoni elettrika tad-dar jew fl-apparat tal-attur li jwasslu ghall-hsarat li garrbu. Il-hruq gie kawzat minn kurrenti qawwija li zviluppaw fihom minhabba l-‘*over voltages’* jew il-‘*voltage surges’* impost u li gew iggenerati u li gew imposti u li gew iggenerati waqt il-‘*load shedding’* jew is-‘*supply restoration’* li originaw minn-naha tal-Enemalta. Jidher illi l-‘*over voltages*’ li zviluppaw kienu bizzejjed severi li sahansitra anki l-*voltage stabilizer* li qieghed jipprotegi l-apparati inharaq ukoll. U ghalhekk il-hsarat huma attribwibli lil-Korporazzjoni konvenuta.

Skond it-talba tal-attur, il-kumpens li ghandu jithallas ghad-danni sofferti jammonta ghal elfejn hames mija u sbatax-il ewro u tlieta u disghin centezmu (€2,517.93). Pero ghalkemm l-apparati imsemmija setghu kienu f’ordni operabbli tajba, meta sehh l-incident, il-valur reali taghhom u d-dannu soffert irid jigi stmat fir-rispett tad-data tal-incident u ghalhekk il-kumpens ikun inqas mill-prezz li hallas l-attur minhabba *depreciation*.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi mal-kumpens tal-apparat suggerit mill-espert tekniku u cioe tal-ammont ta’ disgha mija u tmienja u sittin ewro u sitta u sebghin centezmu (€968.76) ghandu jizdied ukoll l-ammont ta’ tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-Korporazzjoni Enemalta thallas lill-attur is-somma ta’ elf u wiehed u sittin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,061.93) lill-attur mill-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz l-ispejjez tal-perit tekniku jkunu a karigu tal-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------